Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/2343

21.10.2026

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/2343

tal-14 ta' Lulju 2026

li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) Nru 149/2013 fir-rigward tal-limiti tal-ikklerjar u l-mekkaniżmi li jiskattaw ir-rieżami tagħhom

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet ([1]) u b'mod partikolari l-Artikoli 4a (4) u l-Artikolu 10(4) tiegħu,

Billi:

(1) Filwaqt li l-kontropartijiet finanzjarji huma soġġetti għal-livelli limitu applikabbli għal pożizzjonijiet mhux ikklerjati f'derivattivi barra l-Borża ("OTC") ("livelli limitu mhux ikklerjati"), sabiex tiġi żgurata kopertura prudenti tal-kontropartijiet finanzjarji soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar f'konformità mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-livelli limitu tal-ikklerjar applikabbli għal pożizzjonijiet aggregati f'derivattivi OTC ("livelli limitu aggregati") li għalihom huma soġġetti wkoll dawk il-kontropartijiet. Peress li l-għan tagħhom huwa li jevitaw l-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligu tal-ikklerjar ta' kontropartijiet finanzjarji li għandhom portafolli kklerjati kbar filwaqt li jibqgħu taħt il-livelli limitu mhux ikklerjati, jenħtieġ li dawn il-livelli limitu aggregati japplikaw biss għall-klassijiet tal-assi li huma soġġetti għal dak l-obbligu tal-ikklerjar, jiġifieri d-derivattivi tar-rati tal-imgħax OTC u d-derivattivi ta' kreditu OTC. Dan jiżgura li kamp ta' applikazzjoni xieraq tal-kontropartijiet finanzjarji jkun effettivament soġġett għall-obbligu tal-ikklerjar.

(2) Il-bidliet introdotti bir-Regolament (UE) 2024/2987 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) fil-metodoloġija tal-kalkolu msemmija fl-Artikolu 4a(3) u fl-Artikolu 10(3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jirrikjedu kalibrazzjoni tal-livelli limitu mhux ikklerjati li japplikaw għall-pożizzjonijiet miżmuma kemm mill-kontropartijiet finanzjarji kif ukoll minn dawk mhux finanzjarji. Jenħtieġ li dawk il-limiti jiġu kkalibrati separatament għad-derivattivi tar-rati tal-imgħax, tal-kreditu, tal-ekwità, tal-kambju, tal-komoditajiet u tal-kwoti tal-emissjonijiet sabiex tiġi żgurata kopertura prudenti tal-kontropartijiet finanzjarji u mhux finanzjarji soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-kalibrazzjoni tagħhom tkun ibbażata fuq elementi bħar-rilevanza sistemika tas-somma tal-pożizzjonijiet netti, u s-somma tal-iskoperturi netti, ta' dawk il-kontropartijiet.

(3) L-ESMA rrikonoxxiet id-differenza bejn il-metodoloġija l-ġdida (li fuqha kienu bbażati s-simulazzjonijiet) introdotta permezz ta' emendi tal-Artikolu 10(3) skont ir-Regolament (UE) 2024/2987 li jqis biss pożizzjonijiet tad-derivattivi OTC mhux ikklerjati u l-metodoloġija preċedenti li ħarset lejn pożizzjonijiet tad-derivattivi OTC kemm ikklerjati kif ukoll mhux ikklerjati. Fir-rigward tal-livell reali tal-livelli limitu mhux ikklerjati, fin-nuqqas ta' livelli limitu preċedenti, l-ESMA qieset li l-popolazzjoni attwali ta' kontropartijiet u nozzjonali maqbuda jenħtieġ li tintuża bħala gwida għall-kalibrazzjoni tal-livelli limitu mhux ikklerjati. Fuq dik il-bażi, l-ESMA wettqet, għal kull waħda mill-ħames klassijiet ta' assi rilevanti, simulazzjonijiet li juru kif il-kopertura tal-obbligu tal-ikklerjar tinbidel skont il-livell limitu magħżul. Huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-limiti mhux ikklerjati abbażi ta' dawk is-sejbiet.

([1]) ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/648/oj.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2024/2987 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 575/2013 u (UE) 2017/1131 fir-rigward ta' miżuri sabiex jittaffew l-iskoperturi eċċessivi għal kontropartijiet ċentrali ta' pajjiżi terzi u tittejjeb l-effiċjenza tas-swieq tal-ikklerjar tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2987, 4.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2987/oj).

(4) Sabiex jiġi żgurat ir-rieżami f'waqtu tal-limiti tal-ikklerjar, filwaqt li jinżamm grad suffiċjenti ta' flessibbiltà u jiġi limitat il-piż amministrattiv, jenħtieġ li l-mekkaniżmi li jiskattaw ir-rieżami tal-valuri tal-limiti tal-ikklerjar imsemmija fl-Artikolu 10(4), il-punt (c) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jinkludu l-monitoraġġ, fuq bażi kontinwa, tal-indikaturi użati għall-monitoraġġ tal-iżviluppi tas-suq fl-eżerċizzju tal-kompiti mogħtija lill-ESMA skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(5) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 149/2013 ([4])jiġi emendat kif xieraq.

(6) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji ppreżentat lill-Kummissjoni mill-ESMA.

(7) L-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Konċernati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi fir-Regolament Delegat (UE) Nru 149/2013

Ir-Regolament Delegat (UE) Nru 149/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*L-Artikolu 11*

(L-Artikolu 4 a(4) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012)

Limiti tal-ikklerjar għal pożizzjonijiet aggregati

Il-valuri tal-limiti tal-ikklerjar applikabbli għal pożizzjonijiet aggregati għall-fini tal-obbligu tal-ikklerjar għandhom ikunu:

(a) EUR 1 biljun f'valur gross nozzjonali għal kuntratti tad-derivattivi OTC;

(b) EUR 3 biljuni f'valur gross nozzjonali għal kuntratti tad-derivattivi ta' rata tal-imgħax OTC";

(2) jiddaħħlu l-Artikoli 11a u 11b li ġejjin fil-Kapitolu VII:

"*Artikolu 11a*

(L-Artikolu 10(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 648/2012)

Limiti tal-ikklerjar għal pożizzjonijiet mhux ikklerjati

Il-valuri tal-limiti tal-ikklerjar applikabbli għal pożizzjonijiet mhux ikklerjati għall-fini tal-obbligu tal-ikklerjar għandhom ikunu:

(a) EUR 0,8 biljun f'valur nozzjonali gross għal kuntratti tad-derivattivi ta' kreditu OTC mhux ikklerjati;

(b) EUR 0,7 biljun f'valur nozzjonali gross għal kuntratti tad-derivattivi ta' ekwità OTC mhux ikklerjati;

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, pp. 84 ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1095/oj).

([4]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 149/2013 tad- 19 ta' Diċembru 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-arranġamenti tal-ikklerjar indiretti, l-obbligu tal-ikklerjar, ir-reġistru pubbliku, l-aċċess għal ċentru tan-negozjar, kontropartijiet nonfinanzjarji, tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskji għal kuntratti tad-derivattivi OTC mhux ikklerjati minn CCP (ĠU L 52, 23.2.2013, p. 11, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2013/149/oj).

(c) EUR 2,2 biljuni f'valur gross nozzjonali għal kuntratti tad-derivattivi ta' rata tal-imgħax OTC mhux ikklerjati;

(d) EUR 3 biljun f'valur gross nozzjonali għal kuntratti tad-derivattivi tal-kambju OTC mhux ikklerjati;

(e) EUR 4 biljun fil-valur nozzjonali gross ikkombinat ta' derivattivi tal-komoditajiet OTC mhux ikklerjati u kuntratti tad-derivattivi tal-kwoti tal-emissjonijiet OTC.

Artikolu 11b

(L-Artikolu 10(4), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 648/2012)

Mekkaniżmi li jiskattaw rieżami tal-valuri tal-limiti tal-ikklerjar

L-ESMA għandha tivvaluta, mill-inqas fuq bażi annwali, l-evoluzzjoni tal-indikaturi li ġejjin:

(a) il-prezzijiet tas-sottostanti ta' kwalunkwe waħda mill-klassijiet li ġejjin ta' derivattivi OTC:

  (i) Derivattivi ta' kreditu OTC;

  (ii) Derivattivi ta' ekwità OTC;

  (iii) Derivattivi tar-rati tal-imgħax OTC;

  (iv) Derivattivi tal-kambju OTC;

  (v) Derivattivi ta' komoditajiet OTC;

  (vi) Derivattivi ta' kwoti tal-emissjonijiet OTC;

(b) il-volatilità tal-prezzijiet tas-sottostanti ta' kull klassi ta' derivattivi OTC imsemmija fil-punt (a);

(c) il-proporzjon ta' tranżazzjonijiet ta' derivattivi OTC, għal kull klassi ta' derivattivi OTC msemmija fil-punt (a), li jiġu kklerjati;

(d) il-proporzjon ta' entitajiet li jikklerjaw it-tranżazzjonijiet tad-derivattivi OTC tagħhom;

(e) ir-rati tal-inflazzjoni rilevanti;

(f) il-kundizzjonijiet finanzjarji globali;

(g) l-inċertezzi tal-politika ġeopolitika u ekonomika.

Meta l-ESMA tidentifika bidliet sinifikanti fl-indikaturi msemmija fil-punti (a) sa (g), hija għandha tibda rieżami tal-limiti tal-ikklerjar imsemmija fl-Artikolu 11 u fl-Artikolu 11a f'konformità mal-Artikolu 10(4a) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.".

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Lulju 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN